MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2006

Appell Civili Numru. 8/2005/1

**Brian Godfrey Bartolo**
**Vs**
**Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

B'rikors ipprezentat fil-21 ta' Frar 2005 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) Brian Godfrey Bartolo ippremetta kif gej:

"Illi hu kien gie processat u finalment is-sentenza tieghu konfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-14 ta' Novembru, 2002. Illi huwa qed jadixxi din il-Qorti minhabba vjolazzjoni tal-fair trial li ghandu dritt ghalih skond l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-drittijiet tal-Bniedem.

“Il-fatti fil-qosor.

“L-esponent flimkien ma ohrajn kien tressaq quddiem il-qrati kriminali akkuzat bl-importazzjoni ta’ droga. Meta gie quddiem il-Qorti Kriminali, wiehed mill-akkuzat, kompartecipi kompletament mieghu fl-istess atti u li ghandu nstabet id-droga, ammetta l-akkuzi kollha, identici ghal dawk ta’ l-esponenti, u gie kundannat 8 snin prigunerija u multa konvertibbli f’sitt xhur habs. Gurnali kkummentaw li din kienet piena hafifa, u kien hemm ukoll xi kummenti mill-ufficcjali tal-pulizija. Ftit granet wara kien hemm il-kaz tal-ko-imputati l-ohra, u dakinhar l-esponenti nforma li kien se jammetti. Appena dahal fl-awla, l-Imhallef li kien qed jippresjedi, hekk kif ra l-gurnalisti tahom hasla, u qalilhom li mhumiex gustifikati, u kliem simili. Naturalment xejn ma kien verbalizzat, imma kemm l-avukat sottoskritt u kemm Dr Anthony Barbara ghall-prosekuzzjoni dan id-diskors semghuh. Il-kritika halliet l-effetti taghha, ghaliex meta gie biex jikkundanna lill-esponenti dik il-Qorti qalet li ma kenitx marbuta mal-kaz precedenti, ta’ ko-akkuzat, akkuzat bl-istess akkuzi u bl-istess partecipazzjoni jekk mhux aghar, u l-unika raguni li ngiebet kienet li l-esponenti messu ammetta ma’ l-ewwel gurnata u mhux qaghad jaghmel il-kalkoli. Zewg imputati ohra ma ammettewx. L-esponenti gie kundannat 10 snin u multa konvertibbli b’sena habs, sentejn u nofs differenza minn ta’ qabilha. Zewg imputati ohra gew gudikati wara granet, u l-piena taghhom kienet ferm icken, minkejja li ammettew fit-tielet seduta.

“Fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali intqal, naturalment, li ma kienx hemm prova ta’ din l-allegazzjoni. Fl-appell mill-guri, il-provi huma dawk verbalizzati jew registrati. Imma l-verita` hija din li qed tinghad hawn fuq.

“L-ilment ta’ l-esponent huwa bazat fuq il-fatt li meta l-konvenzjoni titkellem fuq tribunal imparzjali u indpendenti, u l-Kostituzzjoni titkellem fuq qorti imparzjali u indipendenti, t-tnejn iridu jfissru li l-gudikant ma jkunx influwenzat b’fatturi esterjuri ghall-process, inkluzi l-gurnali. Hu mistenni li l-Imhallfin jaqraw il-gurnali, imma hekk hu mistenni mill-gurati li jnehhu minn mohhom kull

ma jkunu qraw, dan japplika multo magis ghall-gudikant togat, li bir-reazzjoni tieghu u bl-agir tieghu sussegwenti deher manifestament, u mmanifesta, li l-kummenti kien(u) kissrulu s-serenita` tal-gudizzju tieghu.

"Il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea hija sahansitra fis-sens li ma jkunx hemm fair trial meta jkun hemm pronunzjament minn persuni awtorevoli fuq l-imputat, u dan ghaliex potenzjalment jistghu jkollhom influwenza negattiva. Multa (recte: Multo) magis, meta l-gudikant jirreagixxi fuq sentenza li jkun ta, u mbaghad johloq disparita` fit-trattament b'mod li jnehhi l-kritika minn fuqu.

"Illi l-esponent jistenna ghalhekk li ma jkunx trattat aghar minn haddiehor. Il-rimedju ghandu jkun riduzzjoni tal-piena. Dan qed jinghad, ghaliex hu obbligu ta' l-awtoritajiet lokali li jaghtu rimedju effettiv, u mhux semplicement dikjaratorju meta jkun hemm vjolazzjoni (Art 13 tal-Konvenzjoni). Il-Qorti Kostituzzjonali taghna fis-sentenza Saliba, sahansitra hassret id-dikjarazzjoni tal-htija minhabba d-dewmien, bhala rimedju effettiv.

Dan premess ir-rikorrent talab li din il-Qorti:
"joghgobha tiddikjara li fil-konfront ta' l-esponenti fil-fatti fuq esposti kien hemm ksur ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u dan b'riferenza ghall-fatt li ma kellux fair trial, u bhala rimedju tordna t-tnaqqis tal-piena ghal dik ta' 8 snin prigunerija u multa konvertibbli f'sitt xhur prigunerija."

Fir-risposta ta' l-Avukat Generali intavolata fid-9 ta' Marzu, 2005 intqal hekk:
"**<u>Eccezzjonijiet preliminari</u>.**

"1. Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrent dwar ksur ta' drittijiet fundamentali huma frivoli u vessatorji u qed isiru b'abbuz tal-process gudizzjarju inkwantu l-ilment tieghu qed iressqu ghall-ewwel darba proprju issa, u cioe` sentejn u nofs wara li nghatat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali kontra l-istess rikorrent. Huwa principju stabbilit li 'the law does not protect those who sleep over their rights'. Il-fatt illi wiehed ikollu lanjanza u ma

jqajjimhiex kemm jista' jkun malajr izda joqghod jistenna u maz-zmien 'johrogha mill-komma' jgib bhala konsegwenza illi t-tqanqil ta' dik il-lanjanza jkun 'frivolu u vessatorju'. Il-frivolu jew vessatorju m'huwiex biss l-infondat, il-fieragh jew il-hmerija, izda t-tqanqil ta' argument, anke jekk ikun validu, b'mod intempestiv u b'mod illi jkun jidher manifestament illi jkun intaghzel biex jerga' jiftah materja (it-tnaqqis tal-piena) li ormai hija *res judicata*.

2. Illi l-proceduri odjerni huma frivoli wkoll in kwantu qed jippruvaw jimpunjaw decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali billi jqajmu l-istess kwistjonijiet dwar il-piena sollevati, trattati u konsidrati u decizi quddiem dik il-Qorti. Konsegwentement l-azzjoni tar-rikorrent mhi xejn hlief *a fishing expedition* fejn dawk l-argumenti li bihom ma rnexxielux jikkonvinci lill-Qorti t'Appell Kriminali issa qed jipprova jressqu quddiem din l-Onorabbli Qorti. Il-procedura kostituzzjonali m'ghandhiex l-iskop illi sservi bhala procedura tat-tieni appell u din il-Qort ghandha fic-cirkostanzi ghalhekk tichad l-ilment bhala wiehed frivolu u vessatorju.

**"<u>Ebda ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem a bazi ta' allegat nuqqas ta' indipendenza u mparzjalita` tal-gudikant tal-Qorti Kriminali</u>.**

"Illi effettivament il-gudikant fil-Qorti Kriminali ma wera ebda pregudizzju jew *bias* personali kontra r-rikorrent la soggettivament u lanqas oggettivament. Illi kif qalet tajjeb il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-appell interpost mir-rikorrent stess –

"Kull gudikant ghandu access liberu ghall-gurnali u ghandu wkoll dritt li, waqt il-process, jaghmel dawk il-kummenti li jitqiesu necessarji u sahansitra jaghti dawk il-provvedimenti li jidhirlu opportuni. F'dan il-kaz, il-fatt li seta' kien hemm incident fejn saret xi osservazzjoni da parti tal-prosekutur fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2001 u li dwarha kkummentat il-Qorti l-ghada qabel ma nghatat is-sentenza, u ghal liema osservazzjoni l-istess prosekutur

apologizza, ma jfissirx li fl-ghoti tal-piena l-Qorti kienet influwenzata indebitament minn xi rapporti fil-gurnali. Fis-sentenza taghha l-Qort kienet cara hafna dwar liema kienu l-konsiderazzjonijiet li wassluha biex taghti l-piena li hija waslet ghaliha, u x'seta' ntqal fil-gurnali zgur mhijiex wahda mill-konsiderazzjonijiet.

"Illi inoltre fir-rikors promotur stess l-istess rikorrent qed jammetti li kien il-gudikant stess li 'ta hasla' lill-gurnalisti u qalilhom li ma kinux gustifikati – altru mela milli l-pregudizzju u l-*bias* illi qed isostni r-rikorrent.

"**<u>Dwar il-piena</u>**

"Illi fil-mertu t-talba tar-rikorrenti ghal riduzzjoni fil-piena hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

"Illi r-rikorrent qed jallega nuqqas ta' *fair trial* ghax ma nghatax l-istess piena bhal ko-akkuzati l-ohra. Illi l-esponent jirribatti bis-segwenti:

(i) illi bl-ammissjoni tieghu r-rikorrent assuma r-responsabbilita` tad-decizjoni tieghu u ghalhekk jirrimetti ruhu ghal piena tal-Qorti.

(ii) Illi ammissjoni <u>tista'</u> tittiehed in konsiderazzjoni ghal finijiet tar-riduzzjoni ta' piena pero` mhux b'mod assolut.

(iii) Illi kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrent il-fatt li huwa m'ghamilx ammissjoni fl-ewwel seduta kienet biss wahda minn hafna konsiderazzjonijiet ohrajn rilevanti li ghamlet il-Qorti Kriminali qabel ma waslet ghall-ghoti tal-piena.

(iv) Il-piena li nghata r-rikorrent kienet wahda inflitta fil-paramentri prefissi mill-ligi

(v) Illi tenut kont li l-partecipazzjoni tar-rikorrent fir-reati addebitati lilu kienet wahda attiva hafna, kostanti u estiza fuq perjodu ta' zmien kif ukoll il-fatt li mporta

flimkien ma' ohrajn ammont konsiderevoli ta' droga, ma jhalli ebda dubju li l-piena moghtija kienet gusta u timmerita konferma.

(vi) Illi fid-dawl ta' dawn l-akkuzi li kellu kontrih ir-rikorrent, l-istess piena ma kinitx wahda eccessiva anzi *se mai* fi kliem l-istess Qorti tal-Appell Krminali hija l-piena moghtija lil ko-akkuzat l-ohra li kienet miti wisq, konsegwentement din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex biex tirriduci sentenza wahda tohloq sitwazzjoni fejn ikun hemm *"two, rather than one, over lenient penalties*"

"Ghaldaqstant in vista tas-suespost din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tal-5 ta' Ottubru, 2005 il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), iddisponiet minn din il-vertenza billi cahdet it-talba tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu u dana wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:-
"Illi permezz tal-proceduri odjerni r-rikorrent qed jallega li fit-18 ta' Jannar 2001 meta l-Qorti Kriminali ppronunzjat is-sentenza fil-konfront tieghu, sehhet vjolazzjoni ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea li jiggarantixxi, inter alia, id-dritt ta' persuna akkuzata b'reat li jkollha fair trial; u dan fuq il-fatt minnu allegat li l-Qorti Kriminali fiz-zmien li tat is-sentenza fil-konfront tieghu ma kienitx tikkwalifika bhala tribunal imparzjali u indipendenti fit-termini ta' l-artikolu precitat.

"Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma s-segwenti. Ir-rikorrent kien ko-akkuzat b'reati ta'importazzjoni u traffikar ta' droga ma' persuni ohra, fosthom certu Aldo Saliba li wara li kien ammetta l-akkuzi quddiem il-Qorti kriminali gie kkundannat piena ta' 8 snin prigunerija u multa konvertibbli f'sitt xhur habs. Illi meta fis-seduta sussegwenti, ir-irkorrent ammetta l-akkuzi kollha, li skond hu kienu identici, l-istess Qorti kriminali presjeduta mill-

istess Imhallef, ikkundannatu ghal piena ta’ 10 snin u multa konvertibbli f’sena habs.

“Illi r-rikorrent qed jattribwixxi din id-diskrepanza fil-piena ghall-kummenti li deheru fuq il-gurnali fis-sens li l-piena li kienet inghatat lill-ewwel akkuzta kienet “hafifa”, u osservazzjonijiet simili maghmula mill-Prosekutur fil-kaz, qabel ma l-Qorti ghaddiet biex taghti s-sentenza fil-konfront tar-rikorrent. Dan qed isostni li l-Imhallef kien indebitament influwenzat minn dawn il-kummenti, u li din il-“kritika halliet l-effetti taghha” bir-rizultat tad-diskrepanza fil-piena kif fuq spjegat. Huwa ressaq in sostenn ta’ din it-tezi tieghu l-fatt li qabel ma ghadda ghas-sentenza l-Imhallef hass li kellu jcanfar kemm lil gurnalisti prezenti fl-awla kif ukoll lill-Prosekutur ghal kummenti li kienu ghaddew.

“Illi sussegwentement ghas-sentenza moghtija fil-konfront tar-rikorrent fit-18 ta’ Jannar 2001 “Zewg imputati ohra gew gudikati wara granet, u l-piena taghhom kienet ferm icken, minkejja li ammettew fit-tielet seduta”. Fin-nota tieghu l-Avukat Generali qal li fil-fatt il-piena nflitta lill-ko akkuzat John Bartolo b’sentenza tal-14 ta’ Frar 2001 kienet ta’ 4 snin u nofs u LM2000 multa.

“Illi b’sentenza moghtija fl-14 ta’ Novembru 2002, l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appelli Kriminali, li nvestiet ukoll il-punt sollevat quddiemha tal-fair trial, ikkonfermat is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fil-konfront tar-rikorrent u li tifforma l-bazi ta’ l-ilment kostituzzjonali in disamina.

“Illi din il-Qorti, wara ezami akkurat tal-fatti tal-kawza inkluzi in-noti ta’ sottomissjonijiet esawrjenti tal-partijiet, tikkonsidra opportun s-segwenti osservazzjonijiet determinanti ghar-rizoluzjoni ta’ dan il-kaz:-

“In vena legali u b’mod generali jigi osservat li:

[1] Illi, ghalkemm huwa minnu li d-diskrezzjoni moghtija lill-gudikant f’qorti ta’ gurisdizzjoni kriminali m’ghandhiex tigi ezercitata b’mod arbitrarju izda ghandha tkun relatata

mac-cirkostanzi tal-kaz u tal-persuna, u bazata fuq fondament legali; minn naha l-ohra, jibqa' dejjem spazju ghall-element soggettiv fl-esercizzju ta' tali diskrezzjoni, soggettivita` esercitata mill-gudikant fil-parametri tal-ligi tenutkont ta' dak li hu legali, ragjonevoli u gust fil-kaz partikolari li jkollu quddiemu;

[2] Illi kull kaz ghandu jigi deciz fuq il-fatti specje partikolari tieghu, u kull imputat ghandu jigi ggudikat u ssentenzjat tenut kont tan-natura u tal-grad ta' l-attivita` kriminuza kommessa minnu, kif ukoll tac-cirkostanzi relatati mal-kaz tieghu bhal per ezempju, il-kooperazzjoni li huwa jkun wera mal-pulizija u jekk, u kemm, din kienet ta' beneficcju has-socjeta` fil-glieda taghha kontra l-kriminalita` fil-pajjiz, u cirkostanzi ohra personali ghalih. Minn da jitnissel li huwa permissibbli fil-ligi li ko akkuzati jigu trattati b'mod differenti fil-kundanni li jkunu nghataw, u hadd ma ghandu validament jippretendi li dak li jghodd ghal wiehed minnhom necessarjament jghodd ghall-ohrajn; ghax il-gustizzja tirrikjedi l-applikazzjoni tal-ligi ghas-sitwazzjoni partikolari, u mhux b'mod generali u ndiskriminatament minghajr a jittiehed kont tac-cirkostanzi aggravanti jew attenwanti relattivi ghal kull ko akkuzat separatament.

"Illi fil-mertu jigi osservat:

"[A] Illi huwa obbligu tar-rikorrent li jipprova dak minnu allegat, u cioe` li fl-ghoti tas-sentenza fil-konfront tieghu l-Qorti ma kienitx indipendenti u imparzjali ghax, kienet influwenzata ndebitament minn dak li kien intqal fil-medja, anke b'referenza ghal dak li qal il-Prosekutur, fuq is-sentenza li kienet inghatat lill-ko akkuzat li kien ammetta fis-seduta precedenti.

"F'dan ir-rigward l-bazi tal-pretensjoni tar-rikorrenti huma [1] il kummenti espressi u pubblicizzati fil-medja; [2] ic-canfira ta' l-Imhallef, qabel ghadda ghas-sentenza, lill-istess medja u anke lill-Prosekutur, ghal kummenti taghhom; u [3] id-diskrepanza ta' sentejn u nofs fil-piena minn dik li giet moghtija lill-akkuzat Aldo Saliba.

"Illi in propositu l-Qorti tosserva fl-ewwel lok, li l-fatt li saru kummenti, anke b'ton ta' kritika, fuq is-sentenza moghtija lil Aldo Saliba, anke jekk l-Imhallef hass li kellu jirreagixxi billi jcanfar l-awturi taghhom, ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li fl-ghoti tas-sentenza fil-konfront tar-rikorrent huwa ma kellux dik is-serenita` mehtiega biex jiggudika b'mod oggettiv u imparzjali. Anzi, il-fatt li l-Imhallef deherlu li kellu jirreagixxib'dak il-mod, juri bic-car li dan ma kienx lest, u b'mod apert u manifest ried juri li ma kienx lest, li joqghod passiv quddiem tali kummenti – komporament dan li jimmilita kontra l-allegazzjoni ta' pregudizzju u imparzjalita` bazati fuq influwenza indebita jew sokkombenza ghall-kritika maghmula. Din il-konsiderazzjoni hija fortifikata bil-fatt li da ma kienx kaz ta' xi kampanja massicca fit-tul ta' pubblicita` fil-medja, izda kien kaz provokat minn artikolu li deher fuq gurnali lokali fejn, inter alia, gie kwotat dak li ddikjara l-Prosekutur dwar il-piena nflitta u d-disappunt minnu espress. Inoltre, il-fatt li ftit tal-granet wara, nghatat mill-istess Qorti presjeduta mill-istess Imhallef is-sentenza, kontra ko-akkuzat iehor b'piena ta' 4 snin prigunerija [oltre multa ta' LM2000] tkompli ddghajjef it-tesi ta' influwenza indebita li l-medja kellha fuq dik il-Qorti.

"Illi finalment huwa opportun li jigi riprodott il-bran citat mill-Avukat Generali u li din il-Qorti tikkondividi l-kontenut tieghu:

"There is a general recognition of the fact tha the courts cannot operate in a vacuum. Whilst they are the forum for the settlement of disputes, this does not mean that there can be no proper discussion of disputes elsewhere, be it in specialised journals, in the general press, or amongst the public at large. Furthermore, whilst the mass media must not overstep the bounds imposed in the interest of proper administration of justice, it is incumbent on them to impart information and ideas concerning matters that come before the courts just as in other areas of public interest. Not only do the media have the task of [imparting] such information and ideas; the public also has a right to receive that." [European Human Righst Law – Text and Materials]. Jigi osservat li f'dan il-kaz ma

rrizultax li l-medja oltrepassat il-limiti delineati mill-interess tal-amministrazzjoni korretta tal-ligi.

“Hija opportuna wkoll, in subjecta materia, l-osservazzjoni maghmula mill-Onor. Qorti tal-Appell fil-kaz odjern: “Kull gudikant ghandu access liberu ghall-gurnali u ghandu wkoll dritt li, waqt il-process, jaghmel dawk il-kummenti li jitqiesu necessarji u sahansitra jaghti dawk il-provvedimenti li jidhirlu opportni. F’dan il-kaz, il-fatt li seta’ kien hemm incident fejn saret xi osservazzjoni da parti tal-prosekutur fis-seduta tas-17 ta’ Jannar 2001 u li dwarha kkumentat il-Qorti l-ghada qabel ma nghatat is-sentenza, u ghal liema osservazzjoni l-istess prosekutur apologizza, ma jfissirx li fl-ghoti tal-piena l-Qorti kienet influwenzata minn xi rapporti fil-gurnal.

“Illi fit-tieni lok, jigi osservat li, ghalkemm fir-rikors tieghu ir-rikorrent sostna li l-akkuzi “kienu kollha identici” bhal dawk ta’ l-imsemmi Aldo Saliba, fil-fatt ma ngabet ebda prova li s-sitwazzjoni ta’ dawn iz-zewg imputati kienet identika. Anzi minn qari tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali jirrizulta li, fost il-motivazzjonijiet moghtija mill-Qorti kriminali dwar piena, hemm differenza fis-sens li, filwaqt li Aldo Saliba ddikjara li huwa kien lest li jaghti d-depozizzjoni guramentata tieghu bhala xhud tal-prosekuzzjoni kontra l-persuni l-ohra li kienu ko akkuzati mieghu, dan il-fattur huwa mankanti fil-konfront tar-rikorrent. Ghalhekk anke fuq dan il-punt biss, il-posizzjoni legali ta’ dawn iz-zewg akkuzati qabel l-ghoti tas-sentenza kienet differenti.

“Inoltre l-istess Qorti ta’ l-Appell osservat li l-kooperazzjoni eccepita mir-rikorrent ma kienitx tidhol fit-termini tal-Artikolu 29 Kap. 101 stante li “mhux biss ma kellha x’taqsam xejn ma dan il-kaz izda li ma waslet imkien peress li kienet nieqsa minn dettalji precizi li setghu jkunu ta’ ghajnuna lill-Pulizija.” Fi kliem iehor, l-informazzjoni li nghatat ma kienitx ta’ ghajnuna effettiva li setghet tghin lil pulizija fix-xoghol investigattiv taghha dwar traffikar ta’ droga.

"Fit-tielet lok, u kif korrettament sottomess mill-Avukat Generali fin-nota tieghu, il-kaz tar-rikorrent kien gie ezaminat mill-imsemmija Qorti ta' l-Appell Kriminali kollegjalment komposta, fejn gie sollevat ukoll l-aggravju tal-ksur tal-principju tal-fair trial, u dik il-Qorti, filwaqt li osservat li dan ma kienx jirrizulta, u wara li osservat li l-piena inflitta fuq Aldo Saliba kienet "miti wisq", ikkonfermat is-sentenza appellata. Fil-konfront tar-rikorrent dik l-Qorti osservat ukoll li "Fis-sentenza taghha l-Qorti [Kriminali] kienet <u>cara hafna</u> dwar liema kienu l-konsiderazzjonijiet li wassluha biex taghti l-piena li hija waslet ghaliha ….." Il-motivazzjoni dettaljata tas-sentenza f'dan ir-rigward jimmilita serjament kontra t-tesi li d-decizjoni tal-Qorti kienet wahda arbitrarja u nfluwenzata minn fatturi estranei u minghajr fondament legali.

"Dan premess u kkunsidrat, din il-Qorti hija tal-fehma li l-vjolazzjoni ta' dritt kostituzzjonali sollevata mir-rikorrent ma tirrizultax provata."

**L-appell tar-rikorrent.**

Ir-rikorrent hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors intavolat fis-6 ta' Ottubru, 2005, talab li ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez taz-zewg istanzi.

L-Avukat Generali pprezenta risposta ghall-appell imsemmi fejn issottometta li s-sentenza hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk talab li l-appell jigi michud u s-sentenza kkonfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent appellant.

Ikkunsidrat:

L-ilment tar-rikorrent appellant huwa indirizzat lejn il-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti li cahdet it-talba ghar-rimedju kostituzzjonali taht il-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, billi dik l-istess Qorti rriteniet li ma ppruvax il-kaz tieghu.

Jidher li ma hemmx kontestazzjoni bejn il-kontendenti dwar dak li gara fis-17 ta' Jannar 2001, meta Dr Anthony Barbara, prosekutur fil-kaz kontra Aldo Saliba, ghadda kummenti fir-rigward tal-piena li kienet inflitta lill-istess Aldo Saliba fis-sens li din, skond l-istess prosekutur, kienet wahda miti hafna. Lanqas ma hemm kontestazzjoni li l-Imhallef li kien qed jippresjedi l-Qorti Kriminali fil-kaz tar-rikorrent odjern, wera id-dispjacir tieghu u anke kkummeta b'mod qawwi fir-rigward tal-kummenti li kien ghamel il-prosekutur u r-rapportar taghhom fil-gazzetti. L-ilment ta' nuqqas ta' 'fair hearing' sollevat mill-appellant huwa msejjes fuq l-influwenza li tali kummenti u rapportar fil-gazzetti setghu kellhom fuq il-gudikant b'mod li dan tilef is-serenita` mehtiega u rreagixxa b'mod li fis-sentenza ta' Brian Godfrey Bartolo huwa ta piena aktar harxa minn dik li kienet inghatat lil Aldo Saliba meta c-cirkostanzi kienu, skond l-istess appellant, identici fiz-zewg kazi.

Ghandu jinghad qabel xejn li l-kwistoni tal-piena, diment li tkun fil-parametri stretti tal-ligi, hija diskrezzjonali ghal gudikant li, wara li jiehu in konsiderazzjoni l-fattispecie kollha tal-kaz, inkluza l-ammissjoni u d-dikjarazzjonijiet li jkun ghamel l-akuzat, jissoministra dik il-piena li fil-fehma tieghu tkun tixraq ghal kaz specifiku. Huwa ukoll rilevanti fl-ambitu` ta' l-ilment tar-rikorrent, dak li sostniet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali u cioe` li l-piena inflitta lill-appellant kienet wahda gusta mentri dik moghtija lil Aldo Saliba kienet wahda miti wisq.

L-appellant qed isostni li dak li gara fis-17 u fit-18 ta' Jannar 2001, certament kellu effett fuq is-sentenza pronunzjata fil-konfront ta' Brian Godfrey Bartolo minhabba d-diskrepanza bejn l-piena inflitta fuq Aldo Saliba u dik inflitta fuq l-istess rikorrent. Din il-Qorti izda ma tikkondividix din is-sottomissjoni u hawn huwa opportun li jigi riportat dak li qalet l-Qorti Kriminali fil-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward:
"Illi normalment meta akkuzat jammetti l-akkuzi dedotti kontrih fi stadju bikri tal-proceduri, qabel ma jigi furmat il-guri, il-Qorti tiehu dan il-fatt in konsiderazzjoni ghal dik li hi mitigazzjoni fil-piena. Jigi rilevat, izda, li din mhiex xi haga awtomatika fis-sens li mitigazzjoni fil-piena ghandha

bilfors tinghata kull darba li hemm ammissjoni. Jekk tinghatax xi mitigazzjoni jew kemm din ghandha tkun jekk il-Qorti tiddeciedi li timmitiga l-piena, din tibqa’ dejjem fid-diskrezzjoni tal-Qorti wara li hi tikkonsidra dak kollu li jidhrilha li hu rilevanti u l-fattispecie ta’ kull kaz quddiemha.

“Il-Qorti ghalhekk ikkunsidrat li f’dan il-kaz il-partecipazzjoni tal-hati fir-reati lilu addebitati kienet wahda ferm attiva, kostanti, u mifruxa tul perjodu ta’ zmien, fis-sens li din ma kienetx l-ewwel u l-unika darba li hu kien involut fl-importazzjoni w traffikar tal-kokaina, eroina u raza tal-cannabis.

“Ikkunsidrat ukoll in-nuqqas ta’ ko-operazzjoni shiha da parti tal-hati mal-pulizija invesigattiva fis-sens li hu qal li kien jissuspetta biss li l-importazzjoni kienet tikoncerna d-droga, ghaliex, skond hu, din l-attivita` li hu ha parti fiha kellha tkun ta’ importazzjoni tad-deheb u mhux droga.

“Ikkunsidrat li l-hati, minkejja l-ammissjoni tieghu qabel ma gie furmat il-guri, b’dana kollu hu rregistra din l-ammissjoni tieghu issa wara li hames persuni ohra li kienu originarjament ko-akkuzati mieghu f’dawn il-proceduri, kienu gja ammettew qablu precedentement ghall-akkuzi addebitati lilhom.

“Illi ghal din il-Qorti, u fl-fehma taghha, dan in-nuqqas tal-hati li jammetti fi stadju precedenti u mhux fl-ewwel opportunita` li kellu, ifisser li hu ried jaghmel il-kalkoli tieghu w ried jistenna jara x’ikun l-ezitu ta’ l-ammissjoni tal-persuni l-ohra.

“Ikkunsidrat, ghalhekk, li hi bla ebda mod ma thossha marbuta b’dak li gja gie deciz precedentement, inkluza l-piena.

“Ikkunsidrat il-fatt li r-reat ta’ importazzjoni tad-diversi tipi ta’ droga u traffikar ta’ l-istess, bil-mod kif kien qed isir mill-hati, fil-kaz partikolari huwa reat ferm serju w gravi. Il-hati ma kienx xi vittma tad-droga li jasal biex ibiegh xi ammonti relattivament zghar biex jissodisfa l-vizzju tieghu.

L-attivita` tal-hati hija wahda ta' traffikar pur bi skop uniku u intenzjoni ta' profitt kbir finanzjarju b'non-kuranza assoluta ghall-konsegwenzi dizastruzi, kultant anke fatali, li l-abbuz tad-droga iggib fis-socjeta`."

Din is-silta mis-sentenza tal-Qort Kriminali ta-18 ta' Jannar, 2001 giet riprodotta billi minnha jirrizultaw bl-aktar mod car il-konsiderazzjonijiet li dik il-Qorti ghamlet biex waslet ghall-piena li giet inflitta. Dawn il-konsiderazzjonijiet (li dwar uhud minnhom, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali kkummentat) huma manifestazzjoni ta' gudizzju li certament mhux imfixkel minn konsiderazzjonijet impromprji jew estranei ta' natura passjonali. F'dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti ma tara ebda telf ta' serenita` li ggieghel lill-gudikant li ma jibqax indipendenti u imparzjali. Huma konsiderazzjonijiet li kull gudikant kien jiehu fic-cirkostanzi li bl-ebda mod ma jirrifletti dak li qed jigi allegat mill-appellant. Infatti, dawn il-konsiderazzjonijiet juru li l-gudikant, ghalkemm rinfaccjat b'kummenti li setghu jitqiesu mhux xierqa fir-rigward tal-gudizzju tieghu fis-sentenza moghtija lil Aldo Saliba, uza d-diskrezzjoni li kienet taghtih il-ligi, fil-parametri ta' l-istess ligi u b'mod ragonevoli u gust. Ghalhekk, din il-Qorti tikkondividi r-ragunament kontenut fis-sentenza appellata.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell ta' Brian Godfrey Bartolo qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------